MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Numru 469/2010

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Carlos Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 551386M, akkuzat talli fil-21 ta' April 2010 ghall-habta tas-19:30 hrs gewwa Triq Hector Dalli, Zejtun u fl-inhawi:

1. ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Clarion minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni BD725FX ghad-dannu ta' Rita Abela u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiswa' iktar minn mitejn u tnejn u tlettin Ewro u erba' u disghin

centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tlettin centezmu (€2,329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa.
2. fil-perjodu tas-sentenza sospiza kkommetta reat iehor punibbli b'prigunerija.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta' htija titratta ma' l-imputat li huwa recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi. Rat l-Artikoli 261(b)(c)(g), 264, 267, 271(g), 278, 279(a), 280, 49 u 50 tal-Kap 9. Tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------